



Brussell, 28 ta' Mejju 2021
(OR. en)

9292/21

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0243(COD)

CADREFIN 267	COAFR 141
POLGEN 85	COASI 77
FIN 403	CORLX 287
CODEC 793	COHOM 93
ACP 49	ECOFIN 545
COEST 119	ASIM 35
MAMA 91	MIGR 102
DEVGEN 109	ATO 40
COLAC 40	PE 57

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Mejju 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 267 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali għall-perjodu 2021-2027

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2021) 267 final.

Mehmuż: COM(2021) 267 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.5.2021
COM(2021) 267 final

2018/0243 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali għall-perjodu 2021-2027

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali għall-perjodu 2021-2027

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

1. SFOND

Id-data meta l-proposta ntbagħtet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (id-dokument COM(2018) 460 final – 2018/0243 COD)	14 ta' Ġunju 2018
Id-data meta l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ftiehem dwar mandat ta' negozjar parzjali	12 ta' Ġunju 2019
Id-data meta l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ftiehem dwar mandat ta' negozjar parzjali kkomplementat	25 ta' Settembru 2019
Id-data tat-trilogu 1	23 ta' Ottubru 2019
Id-data meta l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ftiehem dwar mandat ta' negozjar parzjali kkomplementat	27 ta' Novembru 2019
Id-data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew (Rapport)	27 ta' Marzu 2019
Id-data tat-trilogu 2	5 ta' Diċembru 2019
Id-data tat-trilogu 3	20 ta' Frar 2020
Id-data tat-trilogu 4	11 ta' Ġunju 2020
Id-data meta l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ftiehem dwar mandat ta' negozjar parzjali kkomplementat	18 ta' Settembru 2020
Id-data tat-trilogu 5	2 ta' Ottubru 2020
Id-data tat-trilogu 6	20 ta' Novembru 2020
Id-data tat-trilogu 7 (finali)	15 ta' Diċembru 2020
Id-data tal-ftiehim politiku fil-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti	17 ta' Marzu 2021
Id-data meta l-kumitati AFET u DEVE tal-Parlament Ewropew	19 ta' Marzu 2021

ivvutaw biex japprovaw il-ftehim ta' kompromess

Id-data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari

26 ta' Mejju 2021

2. L-OBJETTIV TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

L-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (Neighbourhood, Development and International Cooperation Instrument, NDICI) – Ewropa Globali huwa komponent ewlieni tas-sett ta' għodod tal-Unjoni għall-kooperazzjoni mal-viċinat immedjat tagħha u mad-dinja, fil-kuntest tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għall-2021–2027.

Il-proposta tirrigwarda strument ta' nfiq li jirrispetta u jippromwovi l-valuri u l-interessi tal-Unjoni madwar id-dinja sabiex issegwi l-oġġettivi u l-prinċipji tal-azzjonijiet esterni tagħha, kif stabbiliti fl-Artikoli 3(5), 8 u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

Ir-Regolament dwar l-NDICI-Ewropa Globali se jkopri azzjonijiet li qabel kienu koperti minn 11-il Regolament differenti¹, u b'hekk se jżid il-koerenza u l-konsistenza tal-azzjoni esterna tal-Unjoni. Jifforma parti mill-baġit tal-UE, u l-allinjament mar-Regolament Finanzjarju se jiggarantixxi kundizzjonijiet ekwi peress li jipprevedi ġabra komuni tar-regoli, u jistabbilixxi regoli aktar sempliċi, aktar trasparenti u aktar flessibbli għall-fondi tal-UE. Se jikkontribwixxi biex il-faqar jonqos, u fit-terminu twil jinqered għalkollox, jikkonsolida, jappoġġa u jippromwovi d-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, l-iżvilupp sostenibbli u l-għieda kontra t-tibdil fil-klima u jindirizza l-migrazzjoni irregolari u l-ispostament sfurzat, flimkien mal-kawżi fundamentali tagħhom. Ir-Regolament se jikkontribwixxi wkoll għall-promozzjoni tal-multilateraliżmu, ir-realizzazzjoni tal-impenji u l-oġġettivi internazzjonali li l-Unjoni qablet dwarhom, b'mod partikolari l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, l-Aġenda 2030 u l-Ftehim ta' Pariġi. Se jippromwovi sħubiji aktar b'saħħithom ma' pajjiżi terzi, inkluż mal-Viċinat Ewropew abbażi ta' interessi reċiproċi u responsabbiltà bil-ħsieb li jitrawmu l-istabbilizzazzjoni, il-governanza tajba u l-bini ta' reżiljenza.

Ir-Regolament għandu l-oġġettivi speċifiċi li ġejjin:

(a) li jappoġġa u jippromwovi d-dialogu u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u reġjuni fil-Viċinat, fl-Afrika sub-Saħarjana, fl-Asja u fil-Paċifiku, u fil-Kontinent Amerikan u fil-Karibew;

(b) li jiżviluppa sħubiji speċjali msaħħa u kooperazzjoni politika aħjar mal-Viċinat Ewropew, ibbażati fuq il-kooperazzjoni, il-paċi u l-istabbiltà u impenn komuni favur il-valuri universali tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, u bil-għan li jistabbilixxi demokrazija profonda u sostenibbli u integrazzjoni soċjoekonomika progressiva kif ukoll kuntatti bejn il-persuni;

(c) fil-livell globali:

- li jipproteġi, jippromwovi u javvanza d-drittijiet tal-bniedem, inkluż l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż fl-aktar

¹ Ir-Regolamenti (UE) Nru 230/2014, (UE) Nru 232/2014, (UE) Nru 233/2014, (UE) Nru 234/2014, (UE) Nru 235/2014, (UE) Nru 236/2014 u (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009, (Euratom) Nru 237/2014 u (UE) 2015/322 u l-Ftehim Intern tal-Ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ).

ċirkostanzi diffiċli u sitwazzjonijiet urġenti, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, inklużi l-mekkaniżmi ta' responsabbiltà,

- li jagħti appoġġ lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili,
- li jikkonsolida l-istabbiltà u l-paċi, jevita l-kunflitt, u b'hekk jagħti kontribut għall-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili,
- li jindirizza sfidi globali oħra bħat-tibdil fil-klima, il-protezzjoni tal-bijodiversità u tal-ambjent, kif ukoll il-migrazzjoni u l-mobbiltà.

(d) li jirreaġixxi b'ħeffa għal: sitwazzjonijiet ta' kriżi, instabbiltà u kunflitt, inklużi dawk li jistgħu jirriżultaw minn flussi migratorji u spostament sfurzat, u theddid ibridu; sfidi għar-reżiljenza, inklużi d-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem, u jorbot flimkien l-għajjnuna umanitarja u l-azzjoni favur l-iżvilupp; kif ukoll il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-politika barranija tal-Unjoni.

Il-pakkett finanzjarju globali miftiehem huwa ta' EUR 79,462 biljun (fi prezzijiet kurrenti).

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

Il-pożizzjoni tal-Kunsill tirrifletti għalkollox il-ftehim li ntlaħaq fit-trilogi. L-aktar modifiki importanti li ġew introdotti meta mqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni jinkludu:

- *Dwar il-baġit:*
 - baġit modifikat għall-istrument u l-komponenti tiegħu, f'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ta' Lulju 2020 u b'aġġustament *pro-rata* għall-ammonti mhux espliċitament diżaggregati fil-Konklużjonijiet;
 - limitu massimu għall-azzjonijiet dwar il-bini tal-kapaċità tal-atturi militari b'appoġġ għall-iżvilupp u s-sigurtà għall-iżvilupp ta' EUR 270 miljun;
 - ammont indikattiv ta' EUR 1 800 miljun għall-Erasmus;
 - il-possibbiltà li sa 25 % tal-programm tematiku dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija jiġu ddedikati għall-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali;
 - ammont indikattiv ta' mill-inqas EUR 500 miljun għall-Paċifiku u mill-inqas EUR 800 miljun għall-Karibew fil-pakketti ġeografiċi korrispondenti;
 - ammont indikattiv ta' mill-inqas EUR 500 miljun għall-awtoritajiet lokali fl-ambitu tal-programmi ġeografiċi;
 - fondi addizzjonali garantiti mir-riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti għall-programmi tematiċi dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija (EUR 200 miljun), l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (EUR 200 miljun) u l-isfidi globali (EUR 600 miljun).
- *Rigward l-elementi ta' governanza tar-Regolament:*
 - atti delegati addizzjonali biex jimmodifikaw l-ammont ta' proviżjonament u l-limitu massimu għall-Garanzija għall-Azzjoni Esterna u biex jimmodifikaw il-limitu massimu tal-bini tal-kapaċità għall-iżvilupp u s-sigurtà għall-iżvilupp;
 - att delegat addizzjonali biex jinkwadra l-programmi ġeografiċi, li għandu jiġi adottat fl-2021 u li jkopri:

- objettivi speċifiċi u oqsma prijoritarji ta' kooperazzjoni misluti minn oqsma komuni ta' kooperazzjoni, inkluża prijoritizzazzjoni, fl-Anness II għal kull sottoreġjun;
- is-sottoreġjuni huma dawn li ġejjin: il-Viċinat tan-Nofsinhar, il-Viċinat tal-Lvant, l-Afrika tal-Punent, l-Afrika tal-Lvant u l-Afrika Ċentrali, l-Afrika tan-Nofsinhar u l-Oċean Indjan, il-Lvant Nofsani, l-Asja Ċentrali, l-Asja tan-Nofsinhar, l-Asja tat-Tramuntana u tax-Xlokk, il-Paċifiku, il-Kontinent Amerikan, il-Karibew;
- miri tematiċi għall-pilastru ġeografiku, skont l-Anness IV (1) (b) tal-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp;
- allokazzjonijiet finanzjarji għall-Afrika tal-Punent, l-Afrika tal-Lvant u l-Afrika Ċentrali u l-Afrika tan-Nofsinhar u l-Oċean Indjan.
- rieżami obbligatorju ta' nofs it-terminu tal-att delegat għall-inkwadrar ta' programmi ġeografiċi;
- premessa dwar is-sospensjoni tal-assistenza f'każijiet fejn ikun hemm degradazzjoni tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt;
- referenza għar-rispett għall-konvenzjonijiet dwar l-istandards tas-sikurezza nukleari bħala prinċipju ta' programmazzjoni;
- rieżami obbligatorju ta' nofs it-terminu tad-dokumenti ta' programmazzjoni;
- referenza għall-possibbiltà li jiġi stabbilit programm Pan-Afrikan u programm għall-Afrika, l-Karibew u l-Paċifiku.
- *Rigward il-migrazzjoni:*
 - livell għall-mira ta' nfiq "indikattiv ta' 10 %";
 - referenza għall-fatt li l-azzjonijiet relatati mal-migrazzjoni jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni effettiva tal-ftehimiet u d-djalogi tal-UE dwar il-migrazzjoni ma' pajjiżi terzi billi jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni li tiddependi fuq approċċ persważiv flessibbli u appoġġata minn mekkaniżmu ta' koordinazzjoni.
- *Rigward il-Viċinat:*
 - tinżamm id-diċitura eżistenti tal-Istrument Ewropew tal-Viċinat dwar l-approċċ ibbażat fuq l-inċentivi;
 - is-sehem tal-pakkett finanzjarju tal-Viċinat li jista' jiġi allokat b'mod indikattiv għall-kooperazzjoni transfruntiera jiġi stabbilit għal "sa 5 %".
- *Rigward il-miri tal-infiq minbarra dawk imsemmija hawn fuq:*
 - il-mira ta' nfiq għall-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp tiżdied għal mill-inqas 93 %;
 - il-mira ta' nfiq għall-azzjoni klimatika tiżdied għal 30 %;
 - tiddaħħal "mill-inqas" qabel il-mira ta' nfiq ta' 20 % tan-nefqa tal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp fir-rigward tal-iżvilupp tal-bniedem u l-inklużjoni soċjali;
 - tiżdied referenza għall-kontribut ta' 10 % għall-oġettivi tal-bijodiversità għall-mira ta' nfiq tal-QFP;

- tiġi stabbilita mira addizzjonali ta’ “mill-inqas 85 %” ta’ azzjonijiet li jkollhom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala objettiv prinċipali jew sinifikanti, li minnhom mill-inqas 5 % jenħtieġ li jkollhom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet u l-emanċipazzjoni tan-nisa u l-bniet bħala objettiv prinċipali.
- *EFSD +/Garanzija għall-Azzjoni Esterna:*
 - jitnaqqas l-ammont massimu tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għal EUR 53 449 miljun u jiġi introdott limitu massimu ta’ EUR 10 000 miljun għall-provvediment tal-garanzija. Dawn l-ammonti jistgħu jiġu emendati permezz ta’ att delegat;
 - jissaħħu l-artikoli dwar l-għan, il-governanza, l-eliġibbiltà tal-operazzjonijiet u r-rappurtar tal-EFSD +, kif ukoll l-anness dwar l-oqsma ta’ prijorità tal-operazzjonijiet tal-EFSD +. It-test dwar il-governanza ma għadux f’anness li jista’ jiġi emendat permezz ta’ att delegat, iżda huwa inkorporat f’artikoli fil-korp ewlieni tar-Regolament;
 - jiġi speċifikat ir-rwol tal-BEI fl-EFSD+, b’mod partikolari billi tiġi stabbilita tieqa ta’ investiment dedikata esklussiva għal operazzjonijiet sovrani u subsovrani mhux kummerċjali u, jekk ikun xieraq, jiġu stabbiliti permezz tal-proċedura standard rilevanti żewġ twieqi ta’ investiment dedikati għal operazzjonijiet kummerċjali subsovrani u tas-settur privat, għal ammont indikattiv globali ta’ EUR 26 725 miljun;
 - jiġu introdotti definizzjonijiet rilevanti li jikkonċernaw l-EFSD +, b’mod partikolari dwar l-addizzjonalità;
 - jiġi introdott artiklu dwar mekkaniżmu ta’ lmentar u ta’ rimedju u dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE.
- *Isem l-istrument:*
 - tiżdied “Ewropa Globali” mal-isem, li għalhekk isir “Strument ta’ Viċinat, ta’ Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta’ Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali”.

Il-ftehim jippreserva l-għanijiet tal-proposta oriġinali tal-Kummissjoni, iżomm il-livell ta’ ambizzjoni u jippermetti flessibbiltà suffiċjenti fl-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda. Il-Kummissjoni għalhekk appoġġat il-modifiki imsemmijin hawn fuq.

4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni tappoġġa r-risultati tan-negozjati interistituzzjonali u għalhekk taċċetta l-pożizzjoni li ħa l-Kunsill.

5. DIKJARAZZJONIJIET MILL-KUMMISSJONI

Il-Kummissjoni għamlet dikjarazzjonijiet unilaterali, li jinsabu fl-appendiċi.

APPENDIĊI

Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni

Id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar djalogu ġeopolitiku mal-Parlament Ewropew rigward l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali:

“Il-Kummissjoni Ewropea, filwaqt li tqis il-funzjonijiet ta' kontroll politiku tal-Parlament Ewropew stabbiliti fl-Artikolu 14 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, timpenja ruħha li twettaq djalogu ġeopolitiku ta' livell għoli bejn iż-żewġ istituzzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) XXX/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) – Ewropa Globali. Jenħtieġ li dan id-djalogu jkun jippermetti skambji mal-Parlament Ewropew, li l-pożizzjonijiet tiegħu dwar l-implimentazzjoni tal-NDICI se jitqiesu kompletament.

Id-djalogu ġeopolitiku se jiddiskuti orjentazzjonijiet ġenerali dwar l-implimentazzjoni tal-NDICI, inkluż dwar l-ipprogrammar qabel l-adozzjoni tad-dokumenti ta' programmazzjoni, u rigward suġġetti speċifiċi bħall-użu tar-riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti jew l-applikazzjoni ta' ingranaġġ li jwasslu għal modifiki possibbli fl-allokazzjoni tal-finanżjament iddedikat għall-migrazzjoni jew is-sospensjoni tal-assistenza lil pajjiż sieħeb meta dan jonqos b'mod persistenti milli josserva l-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali.

Id-djalogu ġeopolitiku se jkun strutturat kif ġej:

- i) Djalogu ta' livell għoli bejn ir-Rappreżentant Għoli/Viċi President u l-Kummissarji responsabbli għas-Sħubijiet Internazzjonali u għall-Viċinat u t-Tkabbir u għall-Parlament Ewropew.*
- ii) Djalogu permanenti fil-livell ta' uffiċjali għolja mal-gruppi ta' ħidma tal-AFET u d-DEVE biex jiġu ggarantiti tħejjija u segwitu adegwati għad-djalogu ta' livell għoli.*

Id-djalogu ta' livell għoli se jsir mill-inqas darbtejn fis-sena. Waħda mil-laqgħat tista' tikkoinċidi mal-preżentazzjoni mill-Kummissjoni tal-abbozz ta' baġit annwali.

Id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Premessi 50 u 51 u l-Artikolu 8.10:

“Programmi ta' sostenn għall-migrazzjoni reġjonali se jappoġġaw sħubiji komprensivi, ibbilanċjati u mfassla apposta ma' pajjiżi ta' orġini jew ta' transitu rilevanti u pajjiżi ospitanti, li jseguw approċċ persważiv flessibbli, u appoġġati mill-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni fl-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali. Fejn xieraq se jiġu supplimentati minn azzjonijiet fil-qafas tal-programmi nazzjonali.

Sabiex jiġi ggarantit l-użu l-aktar effiċjenti u effikaċi ta' dawn il-fondi, f'konformità mal-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni u tal-pajjiżi sħab, il-Kummissjoni Ewropea se timplimenta b'mod attiv dawn il-prijoritajiet bl-użu tal-istrumenti rilevanti kollha

tal-Unjoni u se tipparteċipa fil-koordinazzjoni mal-Istati Membri b'mod sinkronizzat u effiċjenti. Se tiżgura li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu informati mill-qrib u regolarment, sabiex ikunu jistgħu jsiru skambji ta' opinjonijiet.